MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 202/2003

Il-Pulizija
(Spt. M. Buttigieg)
Vs

Mario Gellel

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Novembru, 2002 ghall-habta ta' 2.25 p.m., fi Triq Hal-Qormi, Hamrun, saq vettura nru. JAT- 384 :
1) b'manjiera perikoluza;
2) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura msemmija meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
3) saq l-istess vettura wara li kien ikkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

4) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsarat f’railings, ghad-dannu tal-Kunsill Lokali, Hamrun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 t’Ottubru, 2003, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(e) u 2 tal-Kap. 65 u l-Artikoli 328(d) u 17 tal-Kap. 9 sabet, lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni w ir-raba’ imputazzjonijiet w ikkundannatu ghall-multa ta’ mitt lira Maltin (LM100), ordnat ukoll li l-imputat ikun skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi thassaraha w tikkancellaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel, it-tieni w ir-raba’ akkuza w tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tielet akkuza w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jistghu jingabru taht il-punti segwenti w cioe’ :- 1. li l-appellant ma giex pruvat li kien qed isuq b’mod perikoluz jew li ma kienx f’ kundizzjoni li jsuq minnhabba xorb jew drogi ghax kull ma rrizulta hu li nstab bil-vettura tieghu mahbuta fir-railing . 2. illi dak li ghamlet l-Ewwel Qorti kien li, wara li sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza , kkonkludiet li bil-fors kien hati li saq b’ mod perikoluz u li ghalhekk il-hsara kagjonata kienet wahda konsegwenza ta’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku . 3. Illi il-prova tar-“roadside test” wahedha ma tikkostitwix prova sufficjenti, specjalment meta mix-xhieda tal-Ispettur Marisa Camilleri jirrizulta li l-kapacita’ tal-appellant li jsuq ma kienetx imnaqqsa ghax kellu mgieba kontrollata ghall-ahhar. 4. Illi galadarba l-ewwel u t-tieni akkuza m’humiex pruvati il-hsara kagjonata mertu tar-raba’ akkuza ma tkunx wahda gejja minn-nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti u ghalhekk din l-akkuza ma tissussistix. 5. Illi, minghajr pregudizzju, l-periodu tal-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant kien wiehed eccessiv kemm ghaliex imur oltre l-massimu

permess mill-ligi kif ukoll ghax ma jirriflettix ic-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xhieda mil-gdid fil-kors tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2004 ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat .

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti. Fit-3 ta' Novembru, 2002, ghall-habta tas-2.25 pm., vettura JAT 384 Austin Metro giet osservata minn **PS Alexander Schembri** tiela minn-naha tal-Blata l-Bajda lejn il-Hamrun , go St. Joseph Street , b'sewqan eccessiv u bdiet tisswervja.Hu pprova jwaqqafha imma din baqghet sejra. Ftit tal-hin wara PS Schembri kien gie infurmat li kien hemm kollizzjoni fi Triq Hal Qormi, kantuniera ma Triq Nerik Cordina Perez , Hamrun . Meta mar fuq il-post , sab li kien hemm l-istess vettura Metro mahbuta go karozza ohra pparkjatha tal-marka Lada Samara , numru FAP 394 u mall-hames pipe railings li kien hemm fuq il-bankina . Fuq il-post hdejn il-Metro kien sab lill-appellant li kien qallu li kien tilef il-kontroll u habat . Is-Surgent innota li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb . Ghalhekk hu hadu l-ghassa tal-Hamrun bil-mixi u wissieh li ser jippruvalu l-breathalyser . Hu kien accetta li jaghmel it-test . Kien ghalhekk sejjah lil tal-Mobile Squad u mit-test irrizultalu li l-appellant kellu 137 mgs per ml. . Ghalhekk kien hadu d-Depot quddiem l-Ispettur Marisa Camilleri , li wara li regghet tatu il-caution , wara zewg tests ohra irrizulta li wiehed kien ta' 120 mgs per millilitre u l-iehor ta' 123 mgs per millilitre.

In kontroezami PS Schembri xehed li dak il-hin tal-incident it-traffiku fil-Hamrun ikun l-inqas traffikuz ghalkemm dik it-triq il-hin kollu traffikuza. Meta il-car ghaddiet minn ma gembu, nnota li l-speed taghha kien aktar minn normali u bdiet ticcaqlaq minn wara bhal speci ma kienetx “stable” u ma kienetx qed tinsaq b’ mod dritt . Il-vettura meta kienet gejja minn warajhom kienet ghamlet hoss aktar minn-normali.

**L-Ispettur Marisa Camilleri** xehdet li kienet duty id-Depot meta gabu lill-appellant ghat-test ghall-habta ta’ 3.30 pm tal-istess jum u wara li hi tatu it-twissija li qed titolbu kampjun tan-nifs u li hu seta’ jirrifjuta li jatihulhom u li fin-nuqqas li jatihulhom xorta setghu jittiehdu passi kontra tieghu gol-Qorti, hu accetta li jsirlu dat-test. L-ewwel specimen kien gie 120 u t-tieni specimen kien ta’ 123 mgs per milli litre (fol. 13 tal-process) . L-appellant kien fehma mill-ewwel meta tatu t-twissija. L-analisi saret f’ kamra fid-Depot fejn hemm apparat apposta skond il-ligi . Dan pero’ mhux l-FSL laboratory u lanqas l-Evans Laboratory .

Imbaghad mix-xhieda ta’ **Marica Azzopardi** addetta mall-Kunsill Lokali tal-Hamrun, irrizulta li l-hsara fir-railings kienet tammonta ghall-hamsa w sebghin lira Maltin (LM75) (fol.18)

Illi dwar l-aggravju li l-appellant ma kellux jinstab hati tal-akkuza ta’ sewqan perikoluz u tal-hsara nvolontarja derivanti mill-kollizzjoni ,kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta’ “**degree**”. (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta’ taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta’ sewqan perikoluz , hemm bzonn ta’ certu grad ta’ “recklessness” (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) “Recklessness” giet defenita bhala “*wilfully shutting one’s eye”* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece

sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Imbaghad kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. James Abela**" [11.7.2002] fejn din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri** " [15.11.1996.] "il-fatti – inkluzi il-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*" . These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Issa f'dan il-kaz hemm diversi fatturi ta' natura indizjarja li jikkonfermaw li l-appellant kien qed isuq hazin. Bizzejjed jintqal li ftit tal-hin qabel il-habta PS Schembri kien innota il-vettura misjuqa mill-appellant tinsaq bi speed eccessiv go St.Joseph High Road, Hamrun, b' hoss qawwi u b'mod mhux stabbli w ma kienetx qed tinsaq b'mod dritt . Tant hu hekk li hu hass li kellu jipprova jwaqqafha dak il-hin. Imbaghad, ftit minuti wara l-istess car instabet fuq in-naha l-hazina tat-triq kompletament, mahbuta go karozza ohra pparkatha fuq dik in-naha w gor-railings li kien hemm fuq il-bankina. Dawn il-kostatazzjonijiet indubbjament huma indikattivi hafna ta' sewqan hazin u joholqu dawk il-"*presumptions of fact*" li jwasslu biex il-gudikant ikun moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minnhom . Inoltre, mistoqsi mis-Surgent Schembri x' kien gara, l-appellant "a tempo vergine" seta' jwiegeb biss li meta kien wasal ma' Triq Cordina Perez , tilef il-kontroll u habat.

Issa bil-mod li l-vettura tal-appellant marret kompletament "wrong side" u spiccat fejn spiccat hu ovvju li din kienet harget barra mill-kontroll tieghu. U fl-assenza ta' xi spjegazzjoni plawsibbli - al menu sal-grad tal-probabbli - ghal dan il-fatt li tiskuzah jew li tohloq xi skriminanti, hu ovvju li l-appellant irid jitqies responsabbli ghal sewqan

hazin . Fid-dawl u fil-kuntest tat-tip ta’ sewqan li kien gja nnota PS Schembri, ftit tal-hin qabel , dan in-nuqqas jidher li wassal biex hu jispicca kif spicca imkahhal gor-railings man-naha l-hazina tat-triq f’ zona urbana popolatissima w traffikuza b’ perikolu ghal min seta kien ghaddej minn hemm dak il-hin , kemm pedestrians kif ukoll ghal traffiku iehor.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**” [3.5.1953] (Vol. XXXVII. iv. p. 1108) :-

*“Sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni tan-normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkreta ruha f’ konsegwenzi dizastruzi . Il-Ligi in tema ta’ sewqan perikoluz , tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta’ “*

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Ewwel Qorti kellha ghal x’hix issib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti li ghamlet fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni.

Isegwi ghalhekk “multo magis” li r-raba’ imputazzjoni kellha ukoll tirrizulta pruvata ghaliex is-sewqan b’manjiera traskurata hu kompriz u involut fir-reat ta’ sewqan perikoluz li tieghu l-appellant instab hati u ghalhekk l-appellant ovvjament irid ukoll jirrispondi ghall-akkuza ta’ hsara involontarja fir-railings ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni , rrizulta mir-“*roadside test*” li sar bil-kunsens tal-appellant li dan ta rizultat ta 137mg/ 100ml. (fol. 13) li zgur jaqbez bil-bosta l-limitu preskritt ta’ 35 mikrogramma ta’ alcohol f’100 millilitru ta’ nifs skond l-artikolu 15 I (1) (a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana barra li gie nutat minn PS Schembri, li hu kellu riha qawwija ta’ xorb fil-hin wara l-incident. Illi imbaghad kien hemm il-fattur li l-vettura tal-appellant ftit tal-hin qabel l-incident giet osservata tinstaq b’ mod instabbli u mhux fid-dritt u li din eventwalment

ghall-xi raguni li ma gietx spjegata , spiccat mahbuta man-naha l-hazin tat-triq. Dawn il-fatturi kollha , indipendentement mir-rizultat tat-test li sar id-Depot - u li mhux ammissibbli bhala prova **biss** ghax ma sarx fil-laboratorju fejn suppost , joholqu serje ta' provi kemm diretti u cirkostanzjali li setghu liberament iwasslu biex l-Ewwel Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-appellant anki tat-tieni imputazzjoni.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Imhallef V. De Gaetano ) fl-appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Etienne Turner**" [6.6.2003], fejn gew citati s-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi **"Il-Pulizija vs. Francis Pace**" [2.9.1991] u **"Il-Pulizija vs. Claire Falzon**" [5.3.2001] , anki fejn ir-rizultat tat-test li jkun sar id-Depot ikun gie ritenut null ghax ma sarx fil-post preskritt mill-ligi , xorta wahda "*jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar-roadside test li flimkien ma provi ohra ikunu juru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb .*"

Ghalhekk l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni qed jigi ukoll respint.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena , dan jidher li hu limitat ghall-periodu tal-iskwalifika ta' sitt (6) xhur impost mill-Ewwel Qorti. Illi l-appellant hu skorrett meta jghid li l-periodu ta' sospenzjoni imur oltre l-massimu permess mil-ligi , ghaliex skond l-artikolu 15H(2) tal-Kap.65 il-periodu ta' sospensjoni , anki ghall-ewwel kundanna , irid ikun ta' **MHUX INQAS MINN SITT XHUR** , u skond l-artikolu 15(2) ghar-reat ta' sewqan perikoluz il-periodu ta' sospensjoni ma jridx ikun inqas minn tlitt xhur , pero' l-ligi ma tistabilix massimu ta' sospensjoni. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet pjenament in regola meta nfliggiet il-periodu ta' sospensjoni impost fis-sentenza appellata; anzi addirittura imponiet il-minimu li setghet tati skond l-art. 15H(2). Ghalhekk, anki kieku riedet, din il-Qorti ma tistax tissindaka d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kif qed jitlob l-appellant ghax dan il-periodu ma rriflettiex ic-cirkostanzi tal-kaz u dan ghax is-sospensjoni kienet l-inqas li setghet tigi imposta skond il-ligi ghall-htija

riskontrata minnha taht it-tieni imputazzjoni . Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------